# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-26 ta' Frar, 2024

Avviz tat-Talba numru:: 196//2022 CL

**Smart Technologies Ltd (C43711)**

**vs**

**Sea Port Franchising Limited (C26395)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fl-4 ta' Lulju 2022 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tas-socjeta konvenuta, li kienet pprovdiet diversi servizzi teknici lis-socjeta konvenuta, ghal-liema servizzi s-socjeta attrici harget numru ta' fatturi fl-ammont totali ta' elfejn, hames mija u tmienja u tletin euro u tmintax-il centezmu (€2,538.18). Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, inkluz permezz ta' ittra ufficjali 166A datata 4 ta' Mejju 2022 bin-numru 938//2022 baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarata debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' (€2,538.18). Tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' (€2,538.18) bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 938/22 datat 4 ta' Mejju 2022.

Ra r-risposta li giet pprezentata mis-socjeta konvenuta fis-16 ta'Awwissu 2021, fejn sostniet illi preliminarjament l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti u/jew parti minnu, huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2148(a) u/jew tal-Artikolu 2149(c) tal-Kapitoli 16, tal-Ligijiet ta' Malta. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta konvenuta ma inkarigatx lis-socjeta rikorrenti sabiex tipprovdi s-servizzi in kwistjoni. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Salv ecccezzjonjiet ohra.

It-Tribunal sema' l-provi u t-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mis-socjeta konvenuta u fid-decizjoni tal-1 ta' Marzu 2023 permezz ta' sentenza preliminajri cahad l-eccezzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' Matthew Debattista, impjegat bhala project manager mas-socjeta Smart Technologies Limited ipprezentat fit-3 ta' April 2023 mmarkat Dok MD flimkien mad-dokumenti annessi. Smart Technologies rceviet ordni minghand Seaport Franchising Limited ghal hardware, licenzji u servizzi ghal kitchen display ghal Hard Rock Cafe, Valletta permess ta' *purchase order* datat 19 ta' Novembru 2019 (Dok MD1). L-ordni kienet ghal-hardware (€6296), licenzji (€1595) u servizzi (€2400) li kienet tammonta ghal €10,291, izda ftehmu ghall-prezz ta' €10,000 (Dok MD2). Smart Technologies ordnat il-licenzji minghand Oracle ghal Seaport Franchising bhala operaturi ta' Hard Rock Cafe, li jkunu abbinati mal-klijent u ma jistghux jintuzaw ghal-klijenti ohra.Ix-xoghol kien pjanat li jibda fi Frar 2020, izda fl-ahhar ta' Jannar minhabba f'dewmin fil-finishing min-naha tas-socjeta konvenuta, Ryan Bonnici, Director of Operations Seaport, talbuhom sabiex ma jaghmlux delivery u kienu ser jghidilhom meta jkunu jistghu jaghmlu delivery. Fl-4 ta' Marzu 2020, Ryan Bonnici talabhom sabiex jaghmlu delivery fil-gimgha li tibda 16 ta' Marzu 2020 izda huma ma setghux dakinhar ghax kellhom xoghol iehor ippjanat u issugerixxa 23 ta' Marzu 2020. Fil-fatt id-delivery sar fl-10 ta' Marzu 2020 ,Dok MD3 u ma kienx ghadu ikkonfermat meta kienu ser jaghmlu l-installazzjoni. Fit-18 ta' Marzu 2020 Smart Technologies talbet update u fit-19 ta' Marzu 2020, Ryan Bonnici infurmhom ili kien hemm dewmien fix-xoghol tas-soffitti u b'hekk bi ftehiem ma Ryan Bonnici,Dok MD4 kienet harget invoice tal-hardware u l-licenzji Dok MD5 u l-invoice tal-installazzjoni kellha tinhareg meta jitlesta l-progett. Fit-22 ta' Gunju 2022, hu bghat e mail hu informa lil Ryan Bonnici li kien ser johrog invoice tal-gurnata xoghol tal-configuration. Saru jafu li l-configuration u l-installazzjoni saret minn terzi u s-sistema kienet qieghda tintuza' fir-restaurant.Dok MD6. Minkejja dan l-invoices 30703 fl-ammont ta' €1534, 30704 fl-ammont ta' €348.10, 31399 fl-ammont ta' € 472 ma thalsux, u Smart Technologies kellha ukoll thallas ir-renewal tal-licenzja ta' Seport Franchising fl-ammont ta' €184.08 invoice 33193 Dok MD7 u Dok MD8. Total li ma thallasx jammonta ghal €2538.18.Fil-kontro ezami jghid illi hu ma kienx direttur fis-socjeta attrici u l-kommunikazzjoni li kellu mas-socjeta konvenuta kienet dejjem ma' Ryan Bonnici u qabel kienet ikkomunikat mieghu Audrey. il-ftehiem u l-kommunikazzjoni kien sar qabel Covid u l-

installazzjoni kellha ssir kemm jista' jkun malajr izda kien resaqlu d-data darbtejn. Il setghu jaghmlu remotely ghamluh u dak kien ic-charge fil-fatt f'wiehed mill-emails jaghmel referenza jekk is-servers ha jkunux fil-post u kienu qalulu li ha jigu mcaqalqin. Beda l-Covid u kellhom access ghal configuration remotely biex ma jkollhomx problema meta jghidlu mill-llum ghal ghada. Ma kellux ghal fejn jipprovdi job sheet ghax kien parti minn progett u fl-ahhar tal-progett kienu jiffirmaw li l-progett kien tlesta. Kull klijent jkun marbut b'numru mal-kumpanija Oracle wara li tipprezentalhom request ghal kumpanija Sea Port Franchising Ltd u jinhargu licenzji wara li jigu approvati mill-Oracle biex jinstalla l-licenzja u hu jibda l-installazzjoni. Minghjar din l-apporvazzjoni installazzjoni tkun illegali. Kif huma jaghmlu l-ordni jridu jhalsu kemm ghal hardware kif ukoll ghal-licenzji. Hu jircievi l-hardware u l-licenzja u jibda jinstalla ghand il-klijent. Wara l-istima, il-klijent kien approvha wara inghataw xi discount u hemmhekk dan kien jfisser il go ahead biex jibda jinstalla. Hu kien jikkomunika direttament mal-klijent. Huma kienu hadmu fil-passat mas-socjeta konvenuta u qatt ma kien hemm kwistjonijiet qabel.

Gie ipprezentat ukoll l-affidavit ta' Joeane Gauci, Chief Financial Officer mill-2009 li ikkonfermat illi l-invoices 30703, 30704, 31399 u 33193 ma thalsux mis-socjeta konvenuta minkejja diversi emails taghha u minn impjegati ohra tas-socjeta attrici Dok JG1 u l-ammont dovut inkluz vat minn Seaport Franchising Ltd kien ta' €2538.18 kif jidhru minn Dok ST1[1] .

Rat in-nota tal-estratt mill-Malta Business Registry u Memorandum and Articles tas-socjeta konvenuta. Rat l-affidavit ta' Ryan Bonnici Director of Operations ghal-ahhar hames snin mas-socjeta Seaport Franchising Ltd li jiehu hsieb diversi stabbilimenti inkluz z-zewg stabbilimenti ta' Hard Rock Cafe gewwa Valletta u l-ajruport. Hu m'huwiex wiehed mid-diretturi tas-socjeta konvenuta u fl-2019 kien ikkomunika mas-socjeta attrici ghal ftuh ta' Hard Rock Cafe, Valletta. Huma kienu tawh stima u saret il-purchase order Dok MD1 li giet iffirmata minnu biss u ma kienx sar kuntratt. Il-Purchase Order taghmel referenza ghall-istima datat 13/11/2019 u b'hekk il-qbiel kien dwar €10,000.Il-kwistjoni ma' Smart Technologies Ltd inqalghet meta hargu invoices ghal xoghol li ma kienx intalab minnhom u fil-fatt ma jezisti ebda jobsheet. Sea Port dejjem hadmu li x-xoghol jkun verifikat u tigi iffirmata jobsheet u wara tinhareg invoice. Fil-fatt configuration huwa parti mill-installatzjoni u qatt ma tawh prova li l-

[1] Foll 2 et seq

configuration sar qabel l-installation, fil-fatt il-harware wasal minghand Smart Technologies  f'kaxxa issigilata u hu stess kien fetah din il-kaxxa. L-configuration trid ssir fuq il-hardware dirett tant illi l-email ta Matthew Debattista datat 15 ta' April 2020 jghid illi ma kellhomx data ghal configuration u *we will leave that part pending*. Fil-fatt huma kienu qabdu lil terzi biex biex jaghmlu configuration u halsu lilhom u kieku l-configuration kien sar terzi ma kienux jkunu jistghu jaghmluha. DOK RB1. Din ma kinitx l-ewwel darba li hadmu bis-sistema *Oracle* u qatt ma sar service agreement. Illi l-licenzji jithalsu wara l-configuration u ma kintix saret configuration, u qatt ma gew murija ebda licenzji li kienu ghal uzu taghhom. Ghalkemm ma kienx bniedem tekniku kien ilu hahdem f'dan ix-xoghol u ghalhekk kien jaf l-prassi ta' kif issir. Hu stess kien iffirma delivery tal-hardware Dok MD3 izda qatt ma gie iffirmat xejn dwar il-kumplament tal-invoices u fil-fatt ix-xoghol tal-configuration u licenzji sar minn terzi. Illi b'referenza ghal invoice numru 33193 Smart Technoliges kienu gew infurmati li Hard Rock Baystreet, kien ghalaq u ghalhekk mhux dovut ghax il-perjodu li jirreferi ghalih ma kienx qieghed jopera. Fil-kontro ezami jghid illi hu ma kellux evidenza illi l-licenzji saru u b'hekk l-invoice ma thalsitx. Il-pjan originali kien li jithalsu dawn il-licenzji izda l-prassi kienet li dan jsir wara l-installation. Hu ma kienx persuna teknika izda meta kienu hadu servizz mis-socjeta konvenuta fil-passat, dik kienet il-prassi. Hu kien ikkonferma li ha jimxu bil-licenzji imma mhux li ser jithalsu ghax hu ma kellux l-awtorita'. Ikkonferma li kien bghat l-email a foll 57 fejn hu kien ta l-go ahead biex johorgu l-invoices izda riedet ssir il-validation max-xoghol illi jkun sar u jobsheet. Ma setax jikkonferma jekk thalsu l-invoices a foll 3 sa 6 ghax hu ma kienx involut fil-pagamenti. Kien jaf illi kien hemm xi invoices li kienu ikkontestati dwar configuration. Kien hemm urgenza biex il-progett jitlesta izda ma setax jikkonferma li l-configuration saret minhabba din l-urgenza ghax hu kien sema' li x-xoghol sar meta hargu l-invoices ghax il-kommunikazzjoni li kien hemm kienet li l-configuration ha titpogga on hold. Hu fehem illi x-xoghol kien ser jitpogga on hold u mhux l-invoicing u kienu ser jmexxu bil-hardware delivery. Hu qatt ma qalilhom biew jwaqfu x-xoghol.

Saret it-trattazzjoni.

It-Tribunal sema' x-xhieda u ra d-dokumenti ezebiti b'mod partikolari Dok MD1 li hija purchase order iffirmata minn Ryan Bonnici, li taghmel referenza ghall-istima datata 13 ta' Novembru 2019 fl-ammont ta' €10,000. Ghalkemm is-socjeta konvenuta tghid illi Ryan

Bonnici ma kienx direttur u ghalhekk ma setax jaghmel ordijinet f'isem il-kumpanija, jidher illi apparti li z-zewg partijiet kienu ghamlu negozju flimkien qabel, is-socjeta konvenuta kienet fil-fatt haslet ghal hardware li kienet taghmel parti mill-istess stima u li iffirima ghaliha Ryan Bonnici. Id-dizgwit bejn il-partijiet kienet dwar licenzji u configuration. Is-socjeta attrici qalet illi kienet hadmet fuq il-configuration remotely u kienet ukoll bghatet in-nies ghal gurnata u kienet haslet il-licenzji ta' Oracle sabiex tintuza' s-sistema taghhom mis-socjeta konvenuta. Jidher illi s-socjeta konvenuta riedet ix-xoghol b'urgenza izda minhabba li kien fiz-zmien il-Covid, s-socjeta konvenuta kellha tippostponi l-appuntament ghal darbtejn ghax kien hemm xi xoghol mit-terzi li kien ghadu mhux lest. Mhux ikkontestat illi s-socjeta konvenuta qabdet lil-terzi biex jaghmlu x-xoghol ta' installazzjoni minghajr ma infurmat lis-socjeta attrici izda qeghdin jikkontestaw illi x-xoghol ta' configuration u hlas ta' licenzji ma kienx sar. It-tribunal huwa konvint illi Ryan Bonnici kien qieghed jagixxi bl-awtorizazzjoni tas-socjeta konvenuta meta iffirma l-purchase order u baqa' jikkomunika mas-socjeta attrici. Ma gie ipprezentat ebda korrispodenza li turi li s-socjeta attrici ma ikkoperatx u fil-fatt skond l-e mail datata 18 ta' Marzu 2020, Ryan Bonnici kien kkonferma illi l-opening kien gie delayed ukoll.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqa' u jidceiedi din l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara li l-ammont huwa dovut u jordna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn, hames mija u tmienja u tletin euro u tmintax-il centezmu (€2,538.18) flimkien mal-interessi mill-4 ta' Mejju 2022[2], flimkien mal-ispejjez tat-talba odjerna u dawk tal-ittra ufficjali numru 938/2022.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[2] Data tal-ittra ufficjali 166A dok JT3